

## Kwistjonijiet tal-Familja

Il-liġi tal-familja tinkorpora r-regoli legali kollha li japplikaw għar-relazzjonijiet bejn il-persuni relatati permezz tad-dixxendenza (rabta ta' parentela li tgħaqqad, pereżempju, it-tfal ma' ommhom jew ma' missierhom) jew permezz taż-żwieġ (jew sħubija reġistrata).



Għalhekk il-liġi tal-familja tittratta pereżempju ż-żwieġ, id-divorzju, l-adozzjoni tat-tfal, il-kwistjonijiet differenti relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri (kustodja tat-tfal, dritt ta' żjara...).

Dawn ir-regoli jvarjaw skont l-Istati, minħabba li huma relatati sew mal-istorja, il-kultura, u l-evoluzzjoni soċjali ta' kull pajjiż.

L-Unjoni Ewropea għandha bħala għan li tiddefinixxi regoli komuni għal-liġi tal-familja sabiex iċ-ċittadini Ewropej ma jkunux imfixkla fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom minħabba li jgħixu f'pajjiżi differenti tal-Unjoni Ewropea jew minħabba li jiċċaqalqu minn pajjiż għall-ieħor matul ħajjithom.

Madankollu, l-Istati Membri jridu jaqblu kollha bejniethom biex dawn jiġu adottati.

Az alábbi területekre vonatkozó részletes információért tekintse meg a következő aloldalakokat:

- [Divorzju](#)
- [Responsabbiltà](#)
- [Sekwestru tat-tfal mill-ġenituri](#)
- [Talbiet għal manteniment](#)
- [Medjazzjoni transkonfinali tal-familji](#)
- [Tneħħija legali tal-minuri](#)
- [Reġimi tal-Proprietà Matrimonjali](#)
- [Il-Konsegwenzi Patrimonjali ta' Sħubijiet Irreġistrati](#)
- [Tqegħid ta' minuri f'pajjiż ieħor inkl. f'foster family](#)

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

L-aħħar aġġornament: 28/04/2020